31999D0481

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tad-19 ta' Lulju 1999
li temenda l-Pożizzjoni Komuni 96/184/CFSP dwar l-esportazzjoni ta'armi lill-Ex-Jugoslavja

(1999/481/CFSP)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, partikolarment l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-26 ta'Frar 1996 il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 96/184/CFSP dwar l-esportazzjoni ta' armi lill-Ex-Jugoslavja [1], emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/498/CFSP [2].

(2) Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi aġġornata skond il-bidliet fil-preżenza tal-militari internazzjonali fil-Bosnija, partikolarment l-iskjarament tal-forzi Stabilitorji (SFOR).

(3) Biex tiġi insegwita il-paċifikazzjoni u s-stabbilizzazzjoni fil-Bosnija u Herzegovina trasferimenti ta' armi żgħar lill-pulizija m'għandhomx ikunu suġġetti għall-embargo,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Pożizzjoni Komuni 96/184/CFSP hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. Il-Punt numru 2(i) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(i) waqt il-perjodu ta' skjarament tas-SFOR, kif ukoll operazzjonijiet oħrajn inkluż l-IPTF, l-embargo tal-KE ta'l-armi, munizjonijiet u tagħmir militari (*) għandhu jitkompla lejn il-Bosnija u Herzegovina, il-Kroazja u r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja. Trasferimenti ta'tagħmir għat-tneħħija ta'mini u trasferimenti ta' armi żgħar lill-pulizija fil-Bosnija u Herzegovina mhumiex koperti minn dan l-embargo. L-Istati għandhom jinfurmaw lill-Kunsill dwar dawk it-trasferimenti;

(*) L-embargo msemmi hawn fuq ikopri armi li huma disinjati biex joqtlu u l-ammunizzjoni tagħhom, pjattaformi ta'l-armi, pjattaformi mhux ta'l-armi u tagħmir anċillari skond il-lista ta'l-embargo tal-KE tat-8 u tad-9 ta'Lulju 1991. L-embargo ikopri ukoll partijiet sper, tiswijiet, trasferimet ta'teknoloġija militari u kuntratti magħmulin qabel il-bidu ta'l-embargo."

2. Il-Punt numru 3 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"3. Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi eżaminata mill-ġdid qabel it-tmiem ta'l-iskjarament tas-SFOR."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Ufficjali.

Magħmula fi Brussell, fid-19 ta' Lulju 1999.

Għall-Kunsill

Il-President

T. HALONEN

[1] ĠU L 58, tas-7.3.1996, p. 1.
[2] ĠU L 225, tat-12.8.1998, p. 1.